**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 277/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1703/1999)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom nhar l-20 ta' Settembru tas-sena 1999 kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn annessa u mmarkata Dok A.

2. Illi l-partijiet sseparaw bonarjament fis-6 ta' Mejju tas-sena 2013 kif jirriżulta minn kuntratt ta' separazzjoni bonarja in atti tan-Nuttar Dottor Henri Vassallo, kopja ta' liema qiegħda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn għaxar snin legalment mifrudin minn ma' xulxin, illum għandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.

4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad- divorzju skond l-Artikolu 668 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Mejju 2023;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Mejju 2013;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;